**Minuti tal-12 Laqgħa tat tieni-Kumitat Amministrattiv ta' Ħal Farruġ li saret nhar l-Erbgħa 18 ta' Novembru 2015 fil-5:30 P.M. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa u spiċċat fil-6.20 P.M.**

Preżenti: il-Membri

| | |
|---|---|
| Ic-Chairperson | Is-Sur. Raymond Saliba |
| Il-Membri | Is-Sur. Joe Borg<br>Is-Sur. Kerstin Gatt |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Michael Portelli |

**Aġenda**

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Imqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Aġġornament

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-minuti ġew approvatti b' vot unanimu.

## 2. PUNTI IMQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Ma kienx hemm punti imqajjma mill-minuti.

## 3. KORRISPONDENZA

3.1 Is-Sur. Borg semma li hemm sprall minn fejn hemm il-gate tan-nofs viċin il-blokok li għandu l-ħsara. Is-Segretarju qal li dan kien diġa rah u tkellem mal-ħaddiema biex jiġi rranġat. Huwa qal li se jkompli jsegwih.

3.2 Is-Sur. Saliba saqsa fuq il-knies billi in-naħa fejn joqgħod hu ma kienx qed isir. Huwa qal li s-Suni qatt ma kien jiġi n-naħa fejn joqgħod huwa u lanqas fejn joqgħod is-Sur. Gatt. Is-Segretarju qal li huwa se javża lill minn jieħu ħsieb il-knies.

3.3 Is-Sur. Borg saqsa fuq id-dawl tal-Family Park peress li dan ma kienx qed jixgħel. Is-Segretarju qal li huwa kien iċċekkjah u sab li dan kollu kien qed jixgħel. Huwa qal li kellu anki jibdel 14 il-bozza u kien hemm minhom neqsin.

3.4 Kien hemm diskussjoni fuq il-ħinijiet li fihom kellu jingħalaq il-Family Park. Wara d-diskussjoni ġie deċiż li l-ħin li jingħalaq fih fis-Sajf għandu jkun fiud-9.00 pm u fix-Xitwa 6.00 pm.

3.5 Is-Sur. Saliba semma li kellha ssir mera fejn hemm il-liwja ta Triq Wied in-Noqor.

3.6 Is-Sur. Saliba semma li meta wieħed jgħaddi minn Triq Ħal Farruġ kien hemm ix-xewk ħiereġ mal-ġenb biex dan jinqata. Is-Segretarju semma li huwa se jkellem lill-ELC fuqu.

3.7 Is-Sur. Gatt saqsa fuq l-art li hemm fejn Triq il-Vitorja peress li kellu jsir żvillup hemm. Is-Segretarju qal li huwa ma kellu l-ebda informazzjoni x' kien se jsir hemm.

3.8 Is-Sur. Borg saqsa fuq il-hand rail li kellu jsir fejn hemm il-Housing Estate. Is-Segretarju semma li huwa kien bagħat lill-Housing Authoirty peress li kien ġab xi stimi fuqu.

3.9 Is-Sur. Gatt semma li kien hemm parking bay li kellu bżonn li jsir isfar. IS-Segretarju semma li se jkun qed jara fuqu.

3.10 Is-Segretarju semma li huwa kien ra fuq il-Gażżetta tal-Gvern avviż li jilqa offerti sabiex isir il-proġett tal-water culverts fi Triq Wied in-Noqor. Huwa qal li se jiċċekkja mat-Transport Malta biex ikollu aktar dettalji.

## 4 AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha nhar l-Erbgħa 18 t' Novembru 2015 fis-6.20 pm. Ma kienx hemm data proposta għall laqgħa li jmiss.

________________________ ________________________

Raymond Saliba
Chairperson

Michael Portelli
Segretarju Eżekuttiv